KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tas-seba (07) Laqgħa tas-Seba (07) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar msejħa b'urġenza li nżammet fl-Uffiċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Gimgħa, 1 ta' Ġunju, 2012 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sur Mario Salerno (Sindku) | 6.00p.m. | 6.48p.m. |
| Is-Sur Alex Bezzina (Viċi-Sindku) | 6.000p.m. | 6.48p.m. |
| Il-Perit Graziella Galea | 6.00p.m. | 6.48p.m. |
| Is-Sur John Bray | 6.00p.m. | 6.48p.m. |
| Is-Sur Raymond Tabone | 6.00p.m. | 6.48p.m. |
| Is-Sna Mandy Buhagiar | 6.00p.m. | 6.48p.m. |
| Is-Sur Peter Abela | Assenti | |
| Is-Sur Jason Camilleri | 6.00p.m. | 6.48p.m. |
| L-Avukat Robert Anthony Piscopo | 6.00p.m. | 6.48p.m. |
| Is-Sna Anne Marie Fenech | 6.00p.m. | 6.48p.m. |
| Il-Perit Daniel Grima | 6.00p.m. | 6.48p.m. |
| Is-Sur Jane Chircop | 6.00p.m. | 6.48p.m. |
| Is-Sna Carmel Hili | 6.00p.m. | 6.48p.m. |

Iċ-Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad is-Sur Ray Bartolo, Ċerpersin Kumitat Amministrattiv Burmarrad, kien pereżenti għal-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa. Kien ukoll preżenti għal-laqgħa s-Sur George Abdilla (Aġent Segretarju Eżekuttiv li kien ser jieħu post is-Sur John J. Camilleri, meta dan jiġi trasferit għall-Kunsill Lokali tal-Mosta fl-ewwel ta' Ġunju, 2012).

Il-Laqgħa bdiet fis-6.00p.m.



**Sindku** : Mario Salerno
**Viċi Sindku** : Alexander Bezzina
**Kunsilliera** : Graziella Galea, John Bray, Raymond Tabone, Mandy Buħaġiar, Peter Abela, Jason Camilleri, Robert Piscopo, Anne Marie Fenech, Daniel Grima, Jane Chircop, Carmel Hili
**Aġent Segretarju Eżekuttiv** : George Abdilla

**1.0 Ħatra ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv.**

Is-Sindku s-Sur Mario Salerno introduċa lis-Sur George Abdilla li kien ġie maħtur bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex jieħu post is-Sur John J. Camilleri li ġie trasferit għall-Kunsill Lokali tal-Mosta b'effett mill-1 ta' Gunju, 2012.

Il-Kunsillier Jason Camilleri f'ismu u f'isem il-Kunsilliera Laburisti qal li xtaq jirringrazja lis-Sur John J. Camilleri għax-xogħol li huwa kien dejjem wettaq b'ħeġġa kbira fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar u awguralu għall-futur.

Il-Kunsillier Il-Perit Graziella Galea f'isimha u f'isem il-Kunsilliera Nazzjonalisti qalet li hija wkoll xtaqet tirringrazja lis-Sur Camilleri u qalet li bħala ex-Sindku hija dejjem sabet koperazjoni sħiħa mis-Sur Camilleri u li huwa kien dejjem għamel xogħlu b'lejalta kbira lejn il-Kunsill u r-residenti tal-Lokalita' ta' San Pawl il-Baħar.

Is-Sur Ray Tabone kif ukoll is-Sindku qalu li huma wkoll xtaqu jingħaqadu mal-kelliema ta' qabilhom u jirringrazjaw u jawguraw lis-Sur Camilleri.

Is-Sur Camilleri rringrazzja lill-Kunsilliera kollha u qal li huwa dejjem għamel dak li hu ħass li hu dmiru u dejjem ipprova jiżviluppa u jgħallem lill-impjegati tal-Kunsill daqs li kieku kienu l-istess uliedu u xtaq jirringrazzja b'mod speċjali lill-impjegati kollha tal-koperazjoni u l-lejalta tagħhom.

**2.00 Ingaġġ ta' Skrivani u Materji li jirrigwardjaw l-Istaff tal-Kunsill.**

Il-Kunsilliera Jane Kirkop qalet li għalkemm il-bord tal-*interviews* kien ser jirrakkomanda li tiġi impjegata waħda mit-tieni lista ta' applikanti mill-ETC, kien jidher li din il-persuna, meta ġiet ikkontatjata sabiex tikkonferma jekk taċċettax l-impjieg, din kienet għada qed taħsibha għaliex kien jidher li ġiet ofruta impjieg ieħor b'paga aħjar.

Ġie deċiż, li jekk dan hu l-każ, tintalab t-tielet lista ta' applikanti mill-ETC skont il-liġi.

Fuq proposta tal-Kunsillier Jason Calmilleri, l-impjegati klerikali kollha tal-Kunsill jingħataw żjieda ta' żewġ *increments* fl-iskala li qedin fiha. Dan ġie approvat unanimament.

**3.00 Għoti ta' Kuntratt – Tender SPBLC 04/2012 – Tender for Scarifying and Resurfacing Works at Triq San Ġorġ.**

Is-Sindku, s-Sur Mario Salerno informa lill-Kunsill li l-Kumitat tal-Aġġudikazjoni tat-Tenders kien qed jirrakkomanda li t-Tender għall-kisi mill-ġdid bit-tarmak ta' Triq San Ġorg jingħata lil Road Servicing Limited li kienu ppreżentaw l-orħos offerta. Huwa informa li skont din is-sejħa x-xogħol kellu jsir fi żmien xahar mill-iffirmar tal-kuntratt u f'każ ta' dewmien fit-tlestija tax-xogħol li jkun tort tal-kuntrattur, dan kien jiġi immultat is-somma ta' Euro 500 għal kull ġurnata ta' dewmien. Ir-rakkomandazjoni tal-Kumitat ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

**4.00 Għeluq tal-laqgħa.**

Il-laqgħa ntemmet fis- 6.48 ta' filgħaxija.

*Mario Salerno*
*Sindku*

14 ta' Ġunju 2012

*George Abdilla*
*Aġent Segretarju Eżekuttiv.*

Ref: 55 / 5726 / 12 / OCZ